



Regoli tal-Proċedura ġodda għall-Qorti tal-Ġustizzja

Fid-dawl taż-żieda kostanti fil-kawżi mressqa quddiemha, b'mod partikolari fin-numru ta' rinwiji għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda taġġorna r-Regoli tal-Proċedura tagħha sabiex tiegħu iktar inkunsiderazzjoni n-natura speċifika ta' dawn il-kawżi filwaqt li tkun tista' ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tiddeċiedi l-kawżi kollha mressqa quddiemha fi żmien raġonevoli

Permezz tar-riformulazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012¹, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-għan prinċipali li **tadatta ruħha għall-evoluzzjoni fin-natura tal-kawżi** mressqa quddiemha. Fil-fatt, minkejja l-emendi suċċessivi li sarulhom, l-istruttura fundamentali tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kienet emendata wara l-adozzjoni inizjali tagħhom fl-4 ta' Marzu 1953. Dawn ir-Regoli kienu għadhom jirriflettu l-importanza tar-rikorsi diretti bejn, fil-parti l-kbira tal-kawżi, minn naħa, persuna fiżika jew ġuridika jew Stat Membru u, min-naħa l-oħra, istituzzjoni tal-Unjoni. Fil-fatt, dawn it-tip ta' kawżi, flief għar-rikorsi għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu u numru ta' kategoriji partikolari ta' rikorsi għal annullament, illum il-ġurnata ma għadhomx jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-2012, huma r-rinwiji għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-qrati tal-Istati Membri li, bħala kwantità, jirrappreżentaw l-ikbar kategorija ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja². Ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda huma intiżi li jirriflettu aħjar din ir-realtà billi jiddedikaw titolu speċifiku għal dawn ir-rinwiji u jagħmlu r-regoli rispettivi iktar kompleti u iktar espliċiti, kemm għall-individwi u kif ukoll għall-qrati nazzjonali.

Għan ċentrali ieħor tar-riformulazzjoni huwa marbut max-xewqa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tkompli bl-isforzi, mibdija numru ta' snin ilu, sabiex tħares il-kapaċità tagħha, fid-dawl ta' numru dejjem ikbar ta' kawżi, li tiddeċiedi dawn il-kawżi li jkunu mressqa quddiemha fi żmien raġonevoli³. F'dan id-dawl, ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda jintroduċu diversi miżuri maħsuba li **jiffavorixxu trattament rapidu u effikaċi tal-kawżi**. Fost dawn il-miżuri għandhom jissemmew, b'mod partikolari, il-possibbiltà għall-qorti li tadotta deċiżjoni sabiex jiġi limitat it-tul tan-noti jew tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati quddiemha u l-fatt li twessgħu l-kundizzjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tadotta digriet motivat, b'mod partikolari meta domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli.

Barra minn hekk, ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda jinkludu diversi innovazzjonijiet sinjifikattivi fir-rigward tal-fażi orali tal-proċedura. Fil-fatt, jekk tqis li għandha biżżejjed informazzjoni fuq il-bażi tan-noti jew tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, ma hijiex ser tkun għadha obbligata torganizza seduta għas-sottomissjonijiet orali. Dan għandu jippermettilha tiddeċiedi f'iqsar żmien il-kawżi li jitressqu quddiemha. Ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda jipprovdu wkoll li, meta tkun organizzata seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tistieden lill-partijiet sabiex jikkonċentraw is-sottomissjonijiet tagħhom fuq kwistjoni jew kwistjonijiet

¹ Adottati fil-25 ta' Settembru 2012, ir-[Regoli tal-Proċedura](#) tal-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-29 ta' Settembru 2012. Skont l-Artikolu 120 tagħhom, dawn ir-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

² Matul l-2011, tressqu 423 rinwiji għal deċiżjoni preliminari, minn total ta' 688 kawżi ġodda. B'hekk, ir-rinwiji għal deċiżjoni preliminari jirrappreżentaw iktar minn 60 % tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

³ Għandu jingħad li, minkejja ż-żieda fin-numru ta' dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja rnexxietha tnaqqas b'mod sinjifikattiv it-tul medju meħtieġ sabiex taqta' l-kawżi. B'hekk, bħala eżempju, jista' jingħad li t-tul medju sabiex jinqatgħu r-rinwiji preliminari kien ta' 16.4 xhur fl-2011, meta fl-2003 kien ta' 25 xahar.

partikolari jew torganizza seduti komuni għal diversi kawżi tal-istess natura li jkollhom l-istess suġġett. Għall-kuntrarju, ir-rapport għas-seduta, li kien jimplika spejjeż u dewmien fit-trattament tal-kawżi, ġie eliminat.

Minbarra l-għanijiet imsemmija iktar 'il fuq, ir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda huma intiżi wkoll li **jikkjarifikaw ir-regoli u l-prattiċi eżistenti**. B'hekk, issir distinzjoni iktar ċara bejn ir-regoli applikabbli għat-tipi kollha ta' rikors u r-regoli partikolari għal kull tip ta' rikors (rinviji għal deċiżjoni preliminari, rikorsi diretti u appelli), filwaqt li l-artikoli kollha tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda ġew enumerati u ngħataw titolu speċifiku, b'tali mod li t-tfittxija għalihom saret iktar faċli. Fil-rigward tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, għandu jingħad b'mod partikolari li r-Regoli tal-Proċedura l-ġodda issa jinkludu dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kontenut minimu indispensabbli ta' kull talba għal deċiżjoni preliminari kif ukoll dispożizzjoni dwar l-anonimat. Dan għandu jgħin lill-qrati nazzjonali fil-formulazzjoni tar-rinviji tagħhom filwaqt li jggarantixxi li tiġi osservata aħjar il-ħajja privata tal-partijiet fil-kawża prinċipali. Fir-rigward tal-appelli, ir-Regoli tal-2012 jikkjarifikaw ir-regoli dwar l-appelli inċidentali, ippreżentati b'risposta għal appell inizjali. Minn issa 'l quddiem huwa meħtieġ li dawn l-appelli jiġu ppreżentati permezz ta' att separat. Dan għandu jiffaċilita t-trattament ulterjuri tagħhom mill-qorti.

Fl-aħħar nett, din ir-riformulazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura **tissemplifika r-regoli eżistenti** billi jew tħassar ċerti regoli li saru antikwati jew li ma kinux jiġu applikati jew billi tirrevedi l-modalitajiet tat-trattament proċedurali ta' ċerti kawżi. Bħala eżempju, tista' tissemma s-semplifikazzjoni tar-regoli dwar l-intervent tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-għażla, għal sena, ta' awla inkarigata mill-kawżi ta' eżami mill-ġdid, jew it-tħaffif tal-modalitajiet tat-trattament tat-talbiet għal opinjoni, fejn issa hija prevista l-parteċipazzjoni ta' Avukat Ġenerali wieħed biss (u mhux tal-Avukati Ġenerali kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif kienet qabel)

Ma hemm ebda dubju li, ikkunsidrati b'mod iżolat, ebda waħda mill-miżuri msemmija ma tippermetti, waħedha, li jkun hemm impatt fuq it-tendenza ta' żieda fin-numru tal-kawża, dejjem iktar kumplessi, jew fuq it-tul tat-trattament tagħhom. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' konvinta li l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri – miżuri li qed jiġu introdotti f'tit ġimgħat biss wara l-adozzjoni tal-emendi tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li wasslet għall-ħolqien tal-funzjoni ta' Viċi President u għat-tkabbir tal-kompożizzjoni tal-Awla Manja bi ħmistax-il Imħallef, u li jagħmlu parti mill-estensjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li toħloq, b'effett minn Ottubru 2012, awla ġdida b'ħames Imħallfin u awla ġdida bi tliet Imħallfin – tikkostitwixxi l-iktar mod adegwat sabiex tkun tista' taqdi l-missjoni tagħha li tiżgura, f'termini raġonevoli, l-osservanza tal-liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355